Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 336/2017

**Lucienne Carabott**

**Vs**

**Simon Bartolo**

8 ta' Marzu, 2019.

1. B'sentenza tal-20 ta' Marzu, 2018 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef u tmien mitt euro (€3,800), rapprezentanti sehem il-konvenut mill-ispejjez medici u edukattivi tal-minuri ulied il-partijiet li saru mis-26 ta' Novembru 2014 sat-12 ta' Gunju 2017, u dan skont klawzola 8 tal-ftehim li jifforma parti integrali mid-digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-24 ta' Novembru, 2010.

2. Il-konvenut appella mis-sentenza bl-aggravji jkunu:

   2.1 It-Tribunal ma kkunsidrax l-eccezzjonijiet tal-konvenut, fis-sens li gialadarba ma tax il-kunsens tieghu ghall-ispejjez kellu jkun ezentat milli jhallashom;
   2.2 It-Tribunal ikkundanna lill-konvenut ihallas spejjez li m'ghandhomx x'jaqsmu ma sahha jew edukazzjoni;
   2.3 M'ghandux jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-proceduri;

3. L-attrici wiegbet u tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

4. Il-qorti qrat l-atti.

5. Fis-sentenza it-Tribunal qal:

*"Wara li ra l-provi dokumentali kollha mressqa mill-partijiet, u sema' x-xiehda tagħhom, it-Tribunal isib li l-konvenut ma kellux raġuni tajba biex ma jirrifondix lill-attriċi nofs l-ispejjeż edukattivi u mediċi reklamati minnha, u wisq anqas li jibqa' ma jħallashiex sehmu mill-ispejjeż li jirrikonoxxi u jaċċetta minn jeddu li kellu jħallas nofshom. Il-konvenut m'għandux l-iskuża li mhux jara lil uliedu, jew li m'għandux komunikazzjoni jew relazzjoni magħhom, jew li jinsab fl-impossibilita` li jaċċerta ruħu mill-bżonnijiet tagħhom. Fuq domanda tat-Tribunal, huwa ddikjara li jarahom regolarment, u allura t-Tribunal jifhem li minn żmien għal żmien jista` jivverifika huwa stess il-bżonnijiet tagħhom, kemm mediċi u anke edukattivi.*

*It-Tribunal ma jemminx li l-oggezzjoni hija motivata semplicement min-nuqqas tal-attrici, ammess minnha stess quddiemu, li ma tikkonsultax lill-konvenut, u lanqas tgħarrfu minn qabel, bl-ispejjeż straordinarji li tkun ser tinkorri fl-interess tal-ulied*

*minuri. It-Tribunal fehem li, fil-verita`, il-konvenut qed joġġezzjona għat-talba tal-attriċi minħabba interessi finanzjarji, u dan jiddeduċieh b'mod partikolari mir-rifjut tal- konvenut li jaċċetta li l-ulied jintbagħtu fi skola tal-knisja, fejn is-servizzi edukattivi ma jingħatawx kollha b'xejn, bħal fi skola tal-Istat, u aktar mir-rifjut tiegħu li jikkontribwixxi għall-ispejjeż ta` kotba żejda li l-attriċi tagħżel li tixtri għall-ulied. Din l-oġġezzjoni ċertament m'għandhiex minn xi raġuni tajba u biżżejjed li timmotiva n-nuqqas tiegħu li jaderixxi mal-obbligazzjoni li kkuntratta favur l-attriċi, sanzjonata bid-deċiżjoni tal-Qorti kompetenti tal-24 ta` Novembru 2014. It-Tribunal jinnota fl-istess waqt li (i) il-konvenut qed jikkontribwixxi biss €140 kull xahar għall-ispejjeż korrenti tal-għixien, ikel, ilbies u bżonnijiet ta` kuljum tal-minuri; u (ii) il-konvenut aċċetta u ntrabat, b'rieda ħielsa, li jħallas nofs l-ispejjeż kollha għall-edukazzjoni u s-saħħa tagħha, bl-obbligu tal-kontribut tiegħu għall-ispejjeż edukattivi tagħhom jibda biss fis-sena 2014, u ċioe meta l-ulied it-tnejn laħqu bdew l-iskola primarja.*

*Mill-banda 'l oħra, it-Tribunal iħoss li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-attriċi, partikolarment fid-dawl tad-digriet mogħti mill-Qorti kompetenti fit-8 ta` Novembru 2016, li ħija obbligata tinforma lill-konvenut b'kull bżonn straordinarju li jidhrilha li jkollhom il-minuri uliedhom, u filwaqt li tgħarrfu bil-ħsibijiet tagħha, tagħtih l- opportunita` jressqilha l-posizzjoni tiegħu, qabel tgħaddi biex tieħu d-deċiżjonijiet u tinkorri l-ispejjeż li jidhrulha meħtieġa fl-interess tagħhom. B'hekk il-konvenut ikollu opportunita` sħiħa li jieħu l-passi ġudizzjarji opportuni biex jimpedixxi azzjonijiet li jidhirlu li ma jkunx fl-interess tal-minuri uliedu. Dana premess, wara li fela l-ispejjeż kollha li tagħhom l-attriċi qed titlob rimbors, it-Tribunal huwa moralment konvint li kollha saru fl-aħjar interess tal-minuri, inkluż l-ispejjeż dentali u l-ispejjeż edukattivi fl- iskejjel tal-knisja, u li għalhekk il-konvenut la kellu dakinhar, u lanqas għandu llum, raġuni tajba biex ma jikkontribwixxix sehmu minnhom".*

6. **Fatti**.

6.1 Il-kontendenti ftehemu dwar materji li ghandhom x'jaqsmu maz-zewg uliedhom, fost'affarijiet ohra li: *"8. Il-Missier jobbliga ruhu inoltre illi jhallas nofs l-ispejjez kollha medici tal-minuri u dan fi zmien gimgha minn meta l-Omm tipprezentalu r-ricevuta u/jew dokument relattiv ghall-ispiza"*. Il-klawzola ta' wara tal-ftehim hi l-istess bid-differenza li tirriferi ghall-ispejjez *"kollha edukattivi"* u dahlet fis-sehh b'effett minn Awissu, 2014.

6.2 B'digriet tal-24 ta' Novembru, 2010 il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) approvatu u ordnat li *".. dan il-ftehim, kif redatt, ghandu jifforma parti integrali minn dan id-digriet"*.

6.3 B'digriet tat-8 ta' Novembru, 2016 l-istess qorti ordnat li, *"F'nuqqas ta' ftehim fir-rigward ta' decizjoni dwar sahha u edukazzjoni ta' natura straordinarja fir-rigward tal-minuri, ghandu jirrikorri l-Qorti"*. Digriet li nghata wara rikors li pprezenta l-konvenut (20.10.2016) fejn ilmenta li l-attrici minn jeddha bdiet tibghat lit-tfal fi skejjel tal-knisja u, *"... ghalhekk jixtieq li jkun hemm din l-ordni sabiex huwa ma jitqiesx aktar li tajjeb biss biex ihallas u xejn aktar u jixtieq bhala kull missier ikollhi sehem fit-trobbija ta' wliedu"*.

6.4 Il-konvenuta ghamlet spejjez fl-ammont ta' €9,162 u tippretendi li l-konvenut ghandu jhallas nofshom (€4,581). Jirrizulta li fid-19 ta' Settembru, 2015 hallas is-somma ta' €425 u fit-12 ta' Settembru, 2015 hallas €356. B'hekk il-bilanc li tippretendi l-attrici hu €3,800.

7. Ghal dak li jikkoncerna l-ewwel aggravju, il-qorti tosserva:

7.1 Skont l-iskeda li saret fir-rikors tal-appell, l-ispejjez jinkludu donazzjoni li thallset lill-iskejjel tal-knisja fejn imorru t-tfal u trasport f'perjodu bejn l-14 ta' Jannar, 2015 u 17 ta' Mejju, 2017;

7.2 Il-konvenut isostni li l-attrici bidlet l-iskola tat-tfal fis-sens li minn skola tal-Istat bdiet tibghathom fi skola tal-knisja. Decizjoni li jghid li hadet wahedha;

7.3 Hu evidenti li d-decizjoni ttiehdet qabel id-digriet tat-8 ta' Novembru, 2016. Decizjoni li m'hemmx dubju li saret fl-interess tal-minuri u mhux b'xi kapricc;

7.4 F'kull kaz ma jirrizultax li l-konvenut ilmenta fil-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja dwar id-decizjoni li hadet martu;

7.5 Taht l-ewwel aggravju ukoll il-konvenut ghamel riferenza ghall-ispejjez medici li qal li saru minghajr il-kunsens tieghu. Spejjez li ghandhom x'jaqsmu ma' kura tas-snien u ghajnejn tal-minuri. L-ispejjez tant huma limitati li m'hemmx bzonn il-kunsens tal-konvenut, u f'kull bzonn mid-dokumenti prezentati hu evidenti li kienu necessarji. Dan apparti li jekk il-konvenut kellu oggezzjoni ghalihom, seta' jaghmel kif iddirigietu l-qorti fid-digriet tat-8 ta' Novembru, 2016;

8. Il-konvenut ilmenta wkoll li kien ikkundannat ihallas spejjez li m'ghandhomx x'jaqsmu ma' sahha u edukazzjoni u li elenka f'paragrafu 3.2.7 u 3.2.8. Il-qorti tosserva:

8.1 Kotba tal-qari huma parti mill-edukazzjoni tat-tfal. Il-qorti rat ir-ricevuti u m'hemm xejn x'jindika li l-kotba li nxtraw m'humiex ghat-tfal. Dan apparti li hu evidenti li l-parti l-kbira tal-kotba huma kotba tal-iskola. Sahansitra l-konvenut wasal sabiex jikkontesta s-somma ta' €17 ghax-xiri ta' HP *cartridge*. Il-konvenut qieghed ifettaq. Kull min ghandu tfal jaf li printer hu essenzjali. Hemm ukoll kont datat 18 ta' Awissu, 2015 li dwaru l-konvenut jilmenta fuq is-somma ta' €48.55 ghaliex *"includes x2 food containers, x2 water bottles + unspecified goods"*. Mill-kont a fol. 23 hu altru milli evidenti li l-ispejjez jirreferu ghax-xiri ta' stationery ghat-tfal. Il-*containers* huma wkoll probabbilment ghat-tfal sabiex fihom jiehdu l-lunch u l-ilma. Dak li rrefera bhala *unspecified goods* tikkoncerna cifra ta' mhux iktar minn €5. Hawn ukoll il-konvenut qieghed ifettaq u jahli l-hin. Meta tikkunsidra l-items kollha li nxtraw ghat-tfal, il-qorti tikkonkludi li probabbilment dawk ukoll kienu ghat-tfal.

8.2 *Isla Lozenges* jinghataw ukoll lit-tfal u jinxtraw minn spizerija OTC. Il-qorti tqies gustifikata l-oggezzjoni tal-appellant fir-rigward ta' *lip balm*, *deodorant*, *mouthwash* u *shampoo/conditioner*. Ghalhekk ser tnaqqas is-somma ta' **€15.47**. Minkejja dak li qalet l-attrici dwar it-tielet aggravju, ta' xejn issir riferenza ghall-provi li m'humiex fl-atti.

8.3 It-tielet aggravju hu michud gialadarba l-konvenut inghata ragun biss fir-rigward tas-somma t'a €15.47.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' parzjalment l-appell tal-konvenut u tvarja s-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fis-sens li minflok tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef seba' mija u erbgha u tmenin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€3,784.53), u tikkonferma l-kumplament.**

**Spejjez tal-appell huma kollha a karigu tal-konvenut in kwantu l-appell sar bla bzonn.**

Anthony Ellul.